# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DECIZJONI NRU 1580

Kaz Nru 2180/FM

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

General Workers' Union

u

Kalaxlokk Company Ltd

dwar ksur tal-Ftehim Kollettiv rigward it-trasport li l-kumpanija ghandha tipprovdi lill-haddiema taghha

Data: 2 ta' Frar 2005

**Chairman: Franco Masini**
**Membri: Leone Fenech**
**Michael J. Mallia**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-kaz gie prezentat lit-Tribunal Indusrtrijali fit-12 ta' Marzu 2004 mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali wara li s-sur Charles Agius, Segretarju Taqsima Metall u Kostruzzjoni tal-General Workers' Union, kien kiteb lill-Onorevoli Ministru fl-14 ta' Frar 2004.

Il-GWU kienet rapprezentata mis-sur Charles Agius, assistit mill-Avukatessa Marvic DeBarro, waqt li Kalaxlokk Company Ltd kienet rapprezentata mis-sur Edwin Mamo, Administration Manager, assistit mill-Avukat Andrew Borg Cardona

Inzammu erba' seduti

## 2. Fatti tal-Kaz

Il-GWU allegat li l-Ftehim Kollettiv kien gie miksur billi l-Kumpanija ma pprovdietx trasport biex erba' haddiema jitwasslu fuq il-post tax-xoghol kif hemm stipulat fil-Ftehim Kollettiv. Ghaldastant talbet lit-Tribunal biex jiddikjara li l-agir tal-Kumpanija kien bi ksur tal-Ftehim Kollettiv u jordna biex jigi provdut trasport lil dawn il-haddiema. Il-Kumpanija Appellata tinnega li kisret il-Ftehim Kollettiv u tghid li kieku kellha toffri trasport ghal kull impjegat tista tirrizulta fl-gheluq probabbli tal-kumpanija.

## 3. Konsiderazzjonijiet

It-Tribunal kellu quddiemu ekwilibriju delikat bejn is-sopravvivenza ta' entitá kummercjali u d-drittijiet ta' haddiema kif stipulati fi ftehim kollettiv. Ma hemmx dubju li l-erba' haddiema involuti ma kienx ipprovdut lilhom trasport meta kienu mistennija jahdmu ma' kuntrattur f'post li ma kienx accessibbli ghat-trasport pubbliku. Iktar minn hekk xi drabi kienu jinghataw *lift* go vann li ma kienx intiz ghall-garr ta' persuni u allegatament ma kienx inxurjat biex igorr dak in-numru ta' nies. Mill-banda l-ohra intqal waqt is-smiegh tal-kaz illi l-Kumpanijja Appellata ma kelliex xoghol ghall-haddiema taghha u kien miftihem illi tissekondhom ma kuntratturi. Il-hlas lill-Kumpanijja Appellata ghal dan ix-xoghol kien inqas minn dak li fil-fatt kien jithallas lill-haddiema u ghaldaqstant spejjes iktar setghu jirrizultaw filli l-kumpanijja taghlaq.

It-Tribunal ezamina bir-reqqa il-Ftehim Kollettiv li fis-sezzjoni XII jitjkellem dwar it-trasport. L-artikolu 49 ta' dan il-Ftehim jghid testwalment "Fil-kaz li jkun hemm lant tax-xoghol iehor il-Kumpanija tipprovdi trasport mill-Belt Valletta ghal fuq dan il-lant partikolari". Jirrizulta li minhabba l-fatt li meta gie iffirmat il-Ftehim Kollettiv il-maggoranza tal-hadiema kienu jahdmu f'post wiehed il-problema ftit inhasset. Minn dak iz-zmien 'l hawn il-Kumpanijja Appellata ma kelliex iktar sede f'post wiehed u l-haddiema kienu qed jaghmlu xoghol imferrex ma' Malta kollha u l-kundizzjonijiet tat-trasport hadu xejra ohra.

It-Tribunal imbaghad ra xi ftehim kien attwalment vigenti. Il-Ftehim Kollettiv kien ikopri l-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 1995 u il-31 ta' Dicembru 1997. Izda hemm ukoll klawsola ta' tigdid awtomatiku ghal tliet snin ohra. Ghaldaqstant jirrizulta li dan il-Ftehim gie imgedded awtomatikament sal-31 ta' Dicembru 2000. Fid-29 ta' Lulju tas-sena 2000 sar ftehim iffirmat bejn iz-zewg partijiet u kontrofirmat mill-Ministru tal-Finanzi ta' dak iz-zmien li fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal waqt li jintroduci xi tibdil jidher li qed jikkonferma l-kundizzjiniet l-ohra tal-Ftehim Kollettiv. Dak li jaffettwa l-kaz in ezami hija l-klawzola 6 li tghid testwalment. "Il-haddiema kollha tal-Kumpanija jkunu jistghu jintbaghtu jahdmu fuq xoghol privat (kuntrattur) b'garanzija li l-kundizzjonijiet, il-pagi u l-beneficcji li ghandhom fil-Ftehim Kollettiv mal-Kumpanija jigu mharsa." Dana jindika b'mod car li l-Ftehim Kollettiv kien ghadu *in vigore* li jfisser ukoll illi il-klawsola ta' tigdid awtomatiku baqghet tahdem.

Ifisser illi l-Ftehim gie imgedded awtomatikament sal-31 ta' Dicembru 2003 u ghadu jghodd sal-31 ta' Dicembru tal-2006. Ifisser ukoll illi l-kundizzjonijiet imnizzla fih inkluzi dawk dwar it-trasport ghadhom hemm. Dan ma jeskludix li l-Kumpanija Appellata, partikolarment minhabba l-istat prekarju taghha kif gie ampjament deskritt waqt is-smiegh tal-kaz, ma tistax tiftihem mall-GWU dwar xi kambjamenti li jistghu isiru. Anzi t-Tribunal iheggeg liz-zewg partijiet li jaslu ghal xi forma ta' ftehim li jissodisfa liz-zewg nahat.

It-Tribunal huwa konxju tal-istat prekarju tal-Kumpanija Appellata u ma jhossx li ghandu jkun kagun li jimponilha xi zieda li ma tiflahx fl-ispejjes taghha li tista tipperikola l-impieg tal-istess haddiema li huma koperti bil-Ftehim Kollettiv. Mill-banda l-ohra ma jistax jinjora l-fatt li ftehim ghandu jigi sostanzjalment rispettat. Ghaldaqstant jirrikmanda li meta l-Kumpanija Appellata tidhol f'kuntratti ta' xoghol ma' entitajiet ohra li jinvolvi l-haddiema taghha irid isir xi arrangament ragonevoli dwar trasport ghal dawk il-postijiet li ma jintlehqux mit-trasport pubbliku ammenokke ma jsirx ftehim mall-haddiema dwar trasport bil-vetturi taghhom jew b'xi mod iehor biex tigi solvuta din il-problema.

## 4. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali jiddecidi li f'dan il-kaz il-Kumpanijja Appellata Kalaxlokk Company Ltd ma mxietx skond il-Ftehim Kollettiv.

Peress illi sar maghruf li l-haddiema in kwistjoni ma ghadhomx fuq l-istess lant tax-xoghol it-Tribunal mhux f'posizzjoni li jaghti rimedju.

| | | |
|---|---|---|
| Franco Masini | Leone Fenech | Michael J. Mallia |
| Chairman | Membru | Membru |

Mary Rose Galea

A/Segretarja